**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**

**Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**

**Rikors numru: 204/2015**

**Kurt Desira (ID 291491(M))**

**vs**

**Kenneth Zammit (ID 373678(M))**

**Illum, 19 ta' Ottubru 2016**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors promotur permezz ta' liema r-rikorrent talab lill-intimat:

> tersaq ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni kkagunati minnek dolozament fuq il-vetturi tar-rikorrenti u cioé Renault Kango bin-numru ta' registrazzjoni KGV 237 u DAF LF bin-numru ta' registrazzjoni KAI 916.
>
> Ai fini ta' kompetenza qed jigi dikjarat illi d-danni ma jeccedux id-disa t'elef euro (€9,000).

Bl-ispejjez inkluz dawk ta'mandat ta' qbid numru u l-imghax u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-intimat li tghid hekk:

1. Illi preliminarjament, il-gudizzju mhux wiehed integru stante illi ghalkemm l-intimat Zammit huwa mizzewweg, il-mara tieghu ma gietx ingunta wkoll bhala intimata;

2. Illi minghajr preguduzzju ghas-suespost, it-talbiet tal-attur huma in ogni caso infondati legalment kif ukoll fattwalment;

3. Illi dan qed jigi sottomess stante illi, l-hsarat fuq il-vetturi propjetà tar-rikorrenti, certament illi ma gewx ikkawzati mill-intimat, u dan kif se jirrizulta ahjar mill-provi prodotti quddiem din l-Onorabbli Qorti waqt is-smiegh tal-kawza;

4. Illi ghalhekk l-intimat mhux responsabbli ghad-danni reklamati;

5. Illi sussidjarjament u strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont ta' danni reklamati mill-attur ghandhom jigu ndikati b'mod aktar preciz;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri li talvolta jistghu jigu permessi skond il-ligi u awtorizzati minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhud.

Rat u qieset il-provi kollha prodotti.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet.

Rat li fis-seduta tas-17 ta' Frar 2016 ir-rikors thalla ghas-sentenza preliminari rigwardanti l-ewwel eccezzjoni preliminari.

Ikkunsidrat:

Illi fil-kawza odjerna l-intimat eccepixxa n-nuqqas tal-integrità tal-gudizzju ghaliex jghid li r-rikorrent kellu jharrek ukoll lill-mara tieghu, stante li huwa mizzewweg.

Illi kif digà gie ritenut diversi drabi mill-Qrati taghna, fejn il-hsara tkun doluza ma hemmx bzonn illi jigi mharrek ukoll ir-ragel jew il-mara tal-persuna responsabbli stante li fejn hemm id-dolo huwa unikament responsabbli minn jaghmel l-azzjoni u hadd aktar. Mhux biss izda fil-kaz ta' persuna mizzewga, l-komunjoni tal-akkwisti taghmel tajjeb ghall-hsara naxxenti minn att doluz sa sehem dik il-parti biss u mhux ukoll b'sehem martu jew zewgha.

Hekk fil-kawza **GasanMamo Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata taghha Daniela Cauchi u l-istess Daniela Cauchi vs Duncan Mizzi** deciza fl-4 ta' Novembru, 2015, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) iddikjarat illi *"Gialadarba l-konvenut volontarjament ghamel il-hsara fil-vettura GBH- 357, il-komunjoni tal-akkwisti ma tbatix dak id-dejn (ara Artikolu 1327(f) tal-Kodici Civili)."* Mhux biss, dik il-Qorti kompliet tghid: *"Il-fatt li l-konjugi Mizzi huma*

*mizzewwgin u mhux legalment separati, ma jfissirx li martu ma kellhiex dritt tharrku ghad-dannu li volontarjament ghamel fil-vettura GBH-357, li fir-realtà hu d-dannu li garrbet il-komunjoni tal-akkwisti."*

Illi ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, *"Kull persuna twiegeb ghall-hsara li tigri bi htija taghha"*.

Illi fil-kaz in ezami ir-rikorrent qed jitlob illi jithallas ta' hsarat li l-intimat kkaguna dolozament fuq il-vettura tar-rikorrenti. Ghalhekk f'dan il-kaz l-indennizz hu dovut bhala rimedju civili dwar reat li sar bir-rieda, u m'huwiex dejn li jithallas bil-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, ai termini tal-Artikolu 1327(f) tal-Kodici Civili. Eventwalment, jekk jirrizulta li l-intimat personalment m'ghandux il-mezzi biex ihallas id-dejn, il-kreditur jista' in subsidium jinforza t-talba *"... kontra l-beni li jkunu parti mill-komunjoni tal-akkwisti izda biss sal-valur li dik il-parti jkollha mill-komunjoni tal-akkwisti"*.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti ghandu kull dritt illi jharrek biss lill-intimat u b'daqshekk dan ma jgibx in-nuqqas tal-integrità tal-gudizzju.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tichad din l-eccezzjoni tal-intimat bl-ispejjez kontra tieghu.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur